MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' April, 2019

Rikors Maħluf Numru 212/2015LM

**Charlot Spiteri Magri (K.I. numru 546579M)**

***vs.***

**FIM Property Investment Limited (C44093);**
**FIMBank plc (C17003)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Marzu, 2015, mill-attur **Charlot Spiteri Magri** (K.I. 546579M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetajiet intimati jew min minnhom;*

2. *U premess illi f'inċident li seħħ nhar l-għoxrin (20) ta' April elfejn u tnax (2012), waqt il-ħin tax-xogħol u matul il-qadi tad-doveri tiegħu fuq il-post tax-xogħol, ir-rikorrent sofra debilità permanenti;*

3. *U premess illi b'riżultat tal-imsemmi inċident l-attur sofra wkoll telf ta' qligħ u danni konsegwenzjali;*

4. *U premess illi l-imsemmi inċident seħħ b'tort, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom;*

5. *U premess illi s-soċjetajiet intimati ġew interpellati sabiex jgħaddu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrent, u dan anke permezz t'ittra uffiċjali datata d-19 ta' Frar, 2014 (ara Dok. A hawn anness) iżda baqgħu inadempjenti;*

*Għalhekk, jgħidu s-soċjetajiet intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetajiet intimati jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar l-20 ta' April, 2012, f'liema inċident korra r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza tal-inċident imsemmi, prevja n-nomina ta' periti mediċi;*

3. *Tikkundanna lill-istess soċjetajiet intimati jew min minnhom iħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar, 2014, kontra s-soċjetajiet intimati inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **FIM Property Investment Limited** (C44093) u **FIMBank plc** (C 17003) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fit-30 ta' Marzu, 2015 u maħlufa minn Bruno Cassar in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepixxa:

*Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-attur minħabba s-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi in limine litis is-soċjetà intimata FIMBank plc (C17003) mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hija m'għandha ebda relazzjoni ġuridika u lanqas kuntrattwali mal-attur;*

2. *Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, is-soċjetà intimata FIMProperty Investment Limited mhijiex responsabbli għad-danni li allegatament sofra r-rikorrent u dan għaliex ma jeżistix ness bejn id-danni allegatament sofferti mill-attur u s-soċjetà konvenuta FIM Property Investments Limited u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża;*

3. *Illi inoltre l-kumpannija intimati ma taħti bl-ebda mod għad-danni jew għad-debilità li allegatament sofra r-rikorrent peress illi l-kumpannija intimata ħadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti fil-liġi biex tissalvagwardja l-impjegati tagħha minn inċidenti li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-impjegati tagħha u in ogni caso tali danni jridu jiġu ppruvati;*

4. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà intimata m'għandha tbati ebda spejjeż tal-proċeduri odjerni billi r-rikorrenti naqas li jikkwantifika l-pretensjoni tiegħu kemm in kwantu għall-allegat danni inkwadrati taħt damnum emergens u anke għar-rigward danni inkwadrati taħt lucrum cessans;*

5. *Illi minħabba r-raġunijiet hawn fuq premess u kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża, is-soċjetajiet intimati 1) FIM Property Investment Limited (C44093) u 2) FIMBank plc (C17003) ma jistgħux jinstabu b'mod dirett jew indirett responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Novembru 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur isostni li sofra debilità permanenti waqt inċident fuq sit ta' kostruzzjoni tas-soċjetajiet konvenuti, fejn hu kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *security officer*. L-attur waqa' f'dan is-sit, f'żona fejn l-art ma kinitx livellata, bir-riżultat li sofra debilità permanenti fi spallejh. L-attur jallega li l-imsemmi inċident seħħ b'tort, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Is-soċjetajiet konvenuti wieġbu li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u li s-soċjetà FIMBank plc mhix leġittimu kontradittur stante li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika u kuntrattwali mal-attur, u dan fid-dawl tal-fatt li l-attur ma kienx impjegat direttament magħha. Intqal ukoll li s-soċjetà konvenuta FIM Property Limited ħadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi sabiex tissalvagwardja saħħet l-impjegati tagħha minn inċidenti waqt ix-xogħol, u li għalhekk hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-Rikors Maħluf tiegħu l-attur esebixxa kopja tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar, 2014[1], li permezz tagħha hu interpella lis-soċjetajiet konvenuti għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti minnu fl-inċident li seħħ waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem bħala *security guard* fuq is-sit ta' kostruzzjoni tal-FIMBank plc ġewwa Triq Elia Zammit, San Ġiljan, fl-20 ta' April, 2012.

Ġiet esebita wkoll kopja ta' rapport mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku **Thomas Azzopardi**[2], li kkonkluda li l-attur sofra debilità permanenti fi spalltu tax-xellug wara waqgħa li kellu fis-sit tal-kostruzzjoni tas-soċjetajiet konvenuti.[3] Ix-xhud ikkonkluda li s-sintomi li baqa' jħoss l-attur wara l-inċident inkwistjoni aktarx li ser jibqgħu miegħu tul ħajtu kollha, u għalhekk ikkonkluda li dan sofra debilità permanenti fi grad ta' ħamsa fil-mija (5%).

Ġiet esebita ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija li tħejja b'rabta mal-inċident inkwistjoni.[4]

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[5] qal li hu kien impjegat bħala *security guard* fis-sit tal-FIMBank, ġewwa Triq Elia Zammit, San Ġiljan, fejn kien qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni. Huwa spjega li xogħlu kien jinvolvi għassa mal-grada prinċipali tas-sit sabiex jassigura li kull min jidħol fis-sit jkun liebes ilbies protettiv.

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] Fir-rapport tiegħu Mr. Thomas Azzopardi (*a fol.* 9 tal-proċess) jgħid skont il-*medical records "He remained in significant pain and tenderness at orthopaedic assessment and had further imaging of the left shoulder and neck. An MRI scan of the cervical spine showed loss of cervical lordosis but was otherwise unremarkable. An ultrasound scan of the left shoulder showed moderate thickening of the left supraspinatus tendon in keeping with tendinitis. An ultrasound guided local anaesthetic and steroid infiltration of the left subacromial bursa was carried out on 20th August 2013 with no significant improvement. An MR Arthrogram of the left shoulder showed a suspected partial thickness tear of the supraspinatus tendon. He was currently on the waiting list for a subacromial decompression of the left shoulder."*
[4] *A fol.* 12 tal-proċess.
[5] *A fol.* 23 tal-proċess.

Madwar jumejn qabel seħħ l-inċident inkwistjoni huwa kien intbagħat għassa ma' grada oħra li nfetħet b'mod temporanju sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Qal li d-deċiżjoni li hu jintbagħat għassa ma' din il-grada temporanja ttieħdet ta' malajr, u li ħadd ma ta kas li f'din iż-żona kien hemm ċerti perikli li ma kinux ittieħdu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tagħhom. L-attur żied jgħid li normalment xogħlu ma kienx jinvolvi attendenza fuq siti ta' kostruzzjoni. Qal li ż-żona inkwistjoni ma kinitx imwittija, u kien hemm ħafna ġebel ta' daqsijiet varji, u li minn dak li seta' jara fuq is-sit, kien hemm diversi perikli, fosthom bokka miftuħa li tagħti għal għoli ta' aktar minn żewġ sulari mgħottija b'injama dgħajfa li kien jidher li ma kinitx imwaħħla mal-art. L-attur qal li kien hu li mingħajr ma ħa struzzjonijiet mingħand ħadd, beda jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema sabiex jevitaw li jgħaddu minn fuq din l-injama, u ma kien hemm l-ebda avviż jew xi tip ta' *barrier* protettiva sabiex il-ħaddiema jkunu mgħarrfa bil-periklu li jeżisti. Qal li f'din iż-żona kien rikjest li kull min jidħol ikun liebes tagħmir protettiv ipprovdut mill-kumpannija. Qal li f'ħin minnhom hu u miexi, tfixkel fil-ġebel li kien hemm mal-art, waqa' u minn dak il-ħin ħass uġigħ qawwi fi spalltu. Spjega li kienu ħaddiema tas-sigurtà ingaġġjati ma' kumpannija privata li ċemplu għall-għajnuna. L-attur jgħid li kieku s-soċjetajiet konvenuti għarfu jieħdu l-miżuri neċessarji, dan l-inċident ma kienx iseħħ. Fi kliem l-attur:

> "Niċċara li kieku l-kumpannija ħadet il-prekawzjonijiet neċessarji billi għattiet jew għamlet *guard* jew protezzjoni madwar il-bokka li semmejt u li kieku aċċertat ruħha li l-*area* ma kellhiex dan il-ġebel ta' kull daqs u żbarazzat jew għall-anqas naddfet l-*area* biex bħala ħaddiem naħdem f'*area* aktar sikura, kieku l-inċident ma kienx iseħħ. Dan ma sarx għaliex kollox sar ta' malajr u d-deċiżjoni li l-*gate* temporanja tibda taħdem bil-mod kif spjegajt ittieħdet ta' malajr biex ma jintilifx żmien."

L-attur qal li wara l-inċident hu ttieħed l-Isptar b'ambulanza, fejn sarulu t-testijiet mediċi neċessarji. Qal li mill-Isptar hu ntbagħat id-dar bl-*injury leave* u meta mar għall-ewwel sessjoni tal-fiżjoterapija, it-terapista kienet qaltlu li kien qiegħed ibati minn *dislocation* fl-ispalla tax-xellug fejn kien weġġa'. Kompla jgħid li mbagħad kienu sarulu aktar testijiet, fejn ġie stabbilit li kellu bżonn intervent kirurġiku fi spallejh. L-attur ikkonkluda li wara l-inċident ħajtu ma baqgħetx l-istess, għax ikun muġugħ, ma jistax iqandel jew idoqq strumenti mużikali li jridu jintrefgħu, u konsegwenza ta' hekk naqaslu l-introjtu minħabba li m'għadux idoqq mal-banda. L-attur fl-*affidavit* tiegħu għamel prospett tad-danni li qed jippretendi li għandhom jiġu likwidati favur tiegħu.

L-attur ippreżenta kopji ta' irċevuti maħruġa lilu minn Saint James Hospital[6], minn fejn jirriżultaw spejjeż ta' tobba ammontanti għal €475; kopja tal-*FS3 form* għall-perijodu bejn il-11 ta' April, 2012 u l-10 ta' Ottubru, 2012[7], minn fejn jirriżulta li l-attur kellu dħul nett ta' €7,215.66 għal perijodu ta' sitt xhur, stante li l-attur kien impjegat għal perijodu definit ta' sitt xhur; kif ukoll kopja tar-rapport dwar korriment bl-applikazzjoni għall-benefiċċju li saret lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.[8]

Mart l-attur **Graceline Spiteri Magri** fl-*affidavit* tagħha[9] qalet li r-raġel tagħha minn dejjem kien ħabrieki għax-xogħol u qabel dan l-inċident qatt ma kellu problemi ta' saħħa. Qalet li hija ġiet infurmata bl-inċident minħabba li kienet ċemplitlu waqt li kien fl-ambulanza fi triqtu lejn l-Isptar. Ix-xhud tgħid li dakinhar żewġha kien intbagħat lura d-dar b'driegħu fi *sling.* Ix-xhud żiedet

[6] *A fol.* 27 *et seq.* tal-proċess
[7] *A fol.* 33 tal-proċess.
[8] *A fol.* 34 tal-proċess.
[9] *A fol.* 49 tal-proċess.

tgħid li minkejja d-diversi sessjonijiet ta' fiżjoterapija, wara test tal-MRI irriżulta li żewġha għandu bżonn intervent kirurġiku, li jrid isir minn kirurgu barrani u għalhekk żewġha jrid jistenna biex dan ikun jista' jsir. Ix-xhud qalet li wara dan l-inċident ħajjet żewġha inbidlet u sar għandu ħafna limitazzjonijiet ta' moviment, speċjalment meta jiġi biex iqandel.

Ix-xhud **Jesmond Muscat** *fl-affidavit* tiegħu[10] qal li huwa kien jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurtà fis-sit tal-FIMBank, u kien preżenti waqt il-ħin tal-inċident tal-attur. Dan ix-xhud qal li hu kien ġibed l-attenzjoni tal-FIMBank għall-fatt li kien hemm ħofra kbira li ma kinitx mgħottija b'mod adegwat u li din kienet ta' periklu għal kull min kien jeħtieġlu jgħaddi minn ħdejha jew minn fuqha. Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li din il-bokka kienet magħluqa b'biċċa injama, u li kieku ittieħdu miżuri ta' sigurtà aktar adegwati, kieku dan l-inċident ma kienx iseħħ. Hu qal li dakinhar tal-inċident kien ġie mgħarraf li l-attur kien weġġa' u li kien hu li ċempel għall-ambulanza. Ix-xhud ikkonferma li dak il-ħin tal-inċident l-attur kien liebes it-tagħmir tas-sigurtà kollu pprovdut mis-soċjetà konvenuta.

Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2015 xehed **David Saliba**[11], *Head of Technical Operations* fl-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li qal li l-Awtorità qatt ma ġiet infurmata mill-attur jew minn xi waħda mis-soċjetajiet konvenuti li kien seħħ dan l-inċident. Qal li l-Avviż Legali 52/86 jobbliga lil kull *employer* jinforma lill-Awtorità li jkun seħħ inċident fil-post tax-xogħol tiegħu jekk ħaddiem partikolari jagħmel aktar minn tlett ijiem ma jidħolx xogħol minħabba xi inċident, u dan sabiex l-Awtorità tkun tista' tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha.

[10] *A fol.* 53 tal-proċess.
[11] *A fol.* 57 tal-proċess.

Fl-istess udjenza ntalbet tixhed **Norma Baldacchino,** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei[12], li esebiet kopja tal-*file* mediku tal-attur.[13]

Fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 xehed **Dr Andrew Paul Zammit**[14], it-tabib kuranti tal-attur, li qal li fl-20 ta' April, 2012 huwa kien eżamina lill-attur minħabba f'uġigħ kbir fi spallejh, u wara li eżaminah kien iddeċieda li jagħtih mediċina aktar qawwija għall-uġigħ flimkien ma' *muscle relaxant*, u għalhekk effettivament kien bidillu it-trattament preskritt mill-Isptar. Ix-xhud żied jgħid li baqa' jara lill-attur kultant żmien għax minkejja t-trattament preskritt, dan baqa' muġugħ. Ix-xhud qal li kien hu li kien jiktiblu ċ-ċertifikati mediċi sabiex ma jattendix għax-xogħol. Eventwalment ix-xhud kien ħa d-deċiżjoni li jirreferi lill-attur lil Mr Thomas Azzopardi minħabba li l-eżamijiet kliniċi oriġinali li kienu saru fl-Isptar ma kinux dettaljati biżżejjed, u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jsir MRI. Ix-xhud qal li l-effetti tal-waqgħa ser jibqgħu jinħassu fit-tul, u l-attur ser jibqa' ristrett fil-movimenti tiegħu aktarx għal ħajtu kollha.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016 xehed **Bruno Cassar**[15], kap tat-taqsima tar-riżorsi umani tal-FIMBank u FIM Property, li hi soċjetà sussidjarja ta' FIMBank. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien impjegat bħala *security officer* ma' FIM Property, u xogħlu kien li jagħmel verifiki dwar min jidħol u min joħroġ mis-sit inkwistjoni. Ix-xhud qal li fuq is-sit saru xi *risk assessments* għalkemm ma kinux jidħlu ħaddiema tal-kumpannija f'dik iż-żona li kienet għadha qiegħda tinbena. Ix-xhud qal li fuq is-sit kien hemm żewġ impjegati, li hu identifika bħala Joseph Suarez u Jason Zammit, li kienu jaħdmu bħala *project managers* sabiex jassiguraw li l-miżuri ta' sigurtà fuq il-binja qegħdin jiġu

[12] *A fol.* 59 tal-proċess.
[13] *A fol.* 61 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 90 tal-proċess.
[15] *A fol.* 117 tal-proċess.

osservati. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kien ilu sitt xhur impjegat mas-soċjetà konvenuta FIM Property Investments Limited, u kien sar rapport dwar l-inċident dakinhar stess li kien seħħ. Ix-xhud żied jgħid li minkejja li bħala persuna inkarigata mir-riżorsi umani l-aspett tas-saħħa u sigurtà kien jaqa' taħtu, fil-verità kien hemm nies impjegati apposta sabiex jissorveljaw is-sit u jaraw li kien hemm miżuri protettivi adegwati għall-ħaddiema. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport intern li sar wara l-inċident inkwistjoni.[16]

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2017 xehed **Steve Abela**[17], li fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien impjegat mas-soċjetà konvenuta sabiex jieħu ħsieb il-binja, l-uffiċjali tas-sigurtà, it-tim tal-manutenzjoni u t-tim tat-tindif. Ix-xhud qal li huwa kien ġie mgħarraf bl-inċident tal-attur. Għad-domanda jekk kienx sar xi *risk assessment* fuq is-sit fejn kien hemm l-attur, ix-xhud qal li meta jkollok persuna waħidha f'sit, m'għandekx għalfejn tiddokumenta *risk assessment* li jkun sar. Qal li l-FIMBank Group kien ingaġġja *project manager* għall-blokka kollha, kif ukoll kienet ġiet ingaġġjata kumpannija biex tieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha fis-sit. Qal li kultant żmien kienu jittieħdu ritratti u jsiru rakkomandazzjonijiet dwar kif setgħu jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema fis-sit. Ix-xhud qal li l-kumpannija kienet ingaġġjat ukoll lil ċertu Joseph Suarez, li llum m'għadux jaħdem magħha, sabiex jieħu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Ix-xhud qal li anki li kieku sar *risk assessment* tas-sit, lilu mhux bilfors jirriżultalu li dan sar, minħabba li dan ma jkunx dokumentat, u spjega li s-soċjetajiet konvenuti għamlu dak kollu li setgħu biex jaraw li s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq is-sit inkwistjoni jiġu mħarsa:

[16] *A fol.* 122 tal-proċess.
[17] *A fol.* 130 tal-proċess.

> "... għal dan il-proġett partikolari, il-FIMBank u l-FIM Property għax huma tal-istess grupp, kienu qabbdu l-kumpannija Resolve biex tieħu ħsieb dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Health and Safety u impjegat ukoll jiġifieri marret *an extra mile*, impjegat persuna Joseph Suarez biex ikun min-naħa tal-kumpannija dirett, il-persuna li qed jara dak kollu li jista' jinqala' fuq *health and safety."*

Ix-xhud kompla jispjega li l-kumpannija Resolve kienet tagħmel żewġ tipi ta' xogħlijiet differenti, kienet tagħmel spezzjoni tas-sit kull ġimagħtejn jew tlieta, fejn kienu anki jittieħdu ritratti tas-sit u ta' ċerti aspetti li ried isir xogħol fuqhom, u kultant żmien kienu jsiru wkoll laqgħat ma' Joseph Suarez. Ix-xhud qal li uffiċjali tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienu jagħmlu ħafna *spot checks* u mill-*feedback* li kienu jingħataw kien jidher li l-miżuri ta' saħħa u sigurtà adottati mis-soċjetajiet konvenuti kienu suffiċjenti. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, l-art kollha tas-sit ġiet imwittija u mogħtija l-konkos, u qal ukoll li minkejja l-isforzi li jsiru sabiex jiġi evitat il-periklu, il-perikli qatt ma jistgħu jiġu eliminati kompletament.

Il-Qorti ħatret lill-konsulent ortopediku **Mr Carmel Sciberras** bħala espert mediku sabiex wara li jeżamina lill-attur jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident inkwistjoni fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad. Ir-rapport tal-espert mediku ġie ppreżentat fit-28 ta' Diċembru, 2016.[18] Mr Carmel Sciberras fir-rapport tiegħu kkonstata li minkejja l-ħafna terapija, pilloli u titqib fi spallejh tax-xellug li ngħata l-attur, spallejh għadha ttih fastidju, tant hu hekk ma jistax jerfa' ċertu toqol, lanqas lil bintu, tarbija ta' sena u nofs. L-espert mediku qal li minn eżami fiżiku jirriżulta li l-muskoli tal-ispalla x-xellugija tal-attur huma xi ftit nexfin meta mqabbla ma' dawk tal-lemin, filwaqt li l-

[18] *A fol.* 145 tal-proċess.

movimenti kollha tal-id huma pjuttost nieqsa. L-espert mediku qal li ladarba wara erba' snin l-attur għadu jsofri minn uġigħ u minn limitazzjonijiet, x'aktarx li ser jibqa' jbati minn uġigħ u għebusija f'din l-ispalla, li qegħdin itellfuh milli jagħmel attivitajiet normali. Mr Carmel Sciberras qal li d-diżabilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' erbgħa fil-mija (4%).

Fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 2017, saret l-eskussjoni tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras[19], li qal li huwa ma setax jikkonferma jekk it-tiċrita interna li kellu l-attur għadhiex preżenti minħabba li ma kienx sar MRI ieħor. Qal li t-tiċrita parzjali tista' tkun riżultat ta' *trauma* jew inkella tista' tkun diġenerattiva.

Fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018 xehed **Jason Zammit**[20], li qal li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hu kien direttur tal-kumpannija FIM Property Investment Limited, li hi sussidjarja tal-FIMBank. Hu spjega li s-sit li fih seħħ l-inċident kien il-post li fih kien qiegħed jinbena l-*Head Office* tal-bank f'Malta, liema proġett kien inbeda fl-2009. Ix-xhud qal li l-bank kien qabbad *project management company* barranija magħrufa bħala Real Estate Solutions, u din il-kumpannija kienet qabdet *sub-contractors* Maltin, fosthom Resolve Company Limited, sabiex jassistuha fl-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit. Ix-xhud qal li l-bank kien iddedika ħafna riżorsi għas-sorveljanza tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq is-sit.[21] Dwar Jesmond Muscat li xehed f'din il-kawża, ix-xhud qal li dan kien involut f'inċident partikolari fejn is-*site coordinator* kien qiegħed jagħmel ronda u sab li ma kienx fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud qal li l-attur kien

[19] *A fol.* 152 tal-proċess
[20] *A fol.* 158 tal-proċess.
[21] Fi kliem ix-xhud, "Fost in-nies prinċipali kien hemm Karl Azzopardi li kien il-*project manager* tagħna. Kien hemm ukoll Saviour Ellul li huwa tar-Resolve li huwa responsabbli għall-Health, Health and Safety u kien hemm ovvjament nies oħrajn bħal Joe Psaila, Security Services u kien hemm in-nies tagħna li kienu nies li huma *full time* u poġġejnihom fis-site speċifikament biex aħna nkunu preżenti wkoll naraw x'qed jiġri mhux inkunu distanti minn dak li qed jiġri San Ġiljan ...*"*.

impjegat sabiex jipprojbixxi l-aċċess għan-nies li ma jkunux lebsin tagħmir protettiv, u nies li ma kellhom l-ebda raġuni għalfejn ikunu fis-sit, u sabiex jissorvelja l-materjal li jkun dieħel fil-post. Ix-xhud qal li fis-sit kien hemm numru ta' trakkijiet deħlin u ħerġin, u l-attur kien assenjat mal-gradi tas-sit. Żied jgħid li hu kien ġie infurmat bl-inċident tal-attur minn Joseph Suarez, u l-kollegi tal-attur kienu ċemplu għall-ambulanza u akkumpanjawh l-Isptar. Ix-xhud qal ukoll li fi żmien ftit sigħat il-kumpannija kienet għamlet rapport u infurmat lis-soċjetà assikuratriċi tagħha b'dan l-inċident. Ix-xhud qal li in segwitu għal dan l-inċident, kien hemm korrispondenza min-naħa tal-*head of HR* tal-bank u hu li kien segwa l-każ tal-attur, u kien hemm komunika mal-attur fil-15 ta' Ġunju, 2012 sabiex dan jirritorna lura x-xogħol wara xi żmien. Qal li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien informa lill-bank li l-attur seta' jirritorna lura x-xogħol fis-6 ta' Awwissu, 2012 għal *light work duties*. Madanakollu l-attur kien informa lis-soċjetà konvenuta li hu ma kienx f'qagħda li jirritorna x-xogħol, u dan meta kienu għaddew aktar minn erba' xhur mill-inċident. Ix-xhud qal li d-deċiżjoni tal-bord kienet li l-attur għandu jibqa' jirċievi l-paga għall-perijodu tal-*fixed term contract*, li kien ta' sitt xhur. Żied jgħid li wara l-iskadenza tas-sitt xhur inħarġet notifika lill-attur li l-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma kienx ser jiġġedded. Ix-xhud ċaħad li fuq is-sit kien hemm xi toqba jew fetħa kbira biżżejjed li seta' jaqa' bniedem fiha. Ix-xhud qal li għajr għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ma kien hemm l-ebda inċident ieħor li fih weġġa' xi ħaddiem fis-sit inkwistjoni, u l-bank inkorra spejjeż kbar sabiex jiġi assigurat li l-ebda ħaddiem ma jweġġa' fuq dan is-sit, fosthom billi ġie installat apparat tat-tifi tan-nar f'kull sular, u twaħħlu lifts temporanji sabiex jiġi evitat li l-ħaddiema jużaw it-taraġ li kien għadu mingħajr

ilqugħ. Ix-xhud esebixxa għadd ta' dokumenti b'korrispondenza mal-attur, partikolarment l-*email* tal-15 ta' Ġunju 2012, li fiha l-attur ġie infurmat li:

> *"Please take this email as formal notification that unless you report to work on Monday, 18th June by 9.00 am your contract will be terminated with immediate effect on the basis of unjustified absence from work."*

Is-soċjetajiet konvenuti min-naħa tagħhom esebew l-*affidavit* ta' **Karl Azzopardi**[22], fejn qal li fl-2012 hu kien jaħdem bħala *project manager* mal-kumpannija RES (Malta) Ltd, li ħadet ħsieb il-proġett tal-bini tal-*head office* tal-FIMBank hawn Malta. RES (Malta) Ltd fl-2010 kienet ġiet inkarigata minn FIM Property Investment Ltd, sussidjarja ta' FIMBank plc, sabiex tieħu ħsieb il-*project management* tal-proġett imsemmi. Ix-xhud qal li Resolve Consulting Limited kienet ġiet inkarigata biex tieħu ħsieb l-aspetti tas-saħħa u sigurtà tal-proġett kollu, u l-i*standards* ta' saħħa u sigurtà fuq is-sit inkwistjoni kienu għoljin ħafna. Qal li kull ġimgħa kien jinżamm *progress meeting* permezz ta' Resolve Consulting Limited, apparti li kienu jinżammu *tool box meetings* u *awareness sessions* dwar l-aspetti kollha ta' saħħa u sigurtà. Ix-xhud qal li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienet tagħmel spezzjonijiet għal għarrieda u qatt ma nstab xi nuqqas fl-implementazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà da parti tas-soċjetajiet konvenuti. Ix-xhud qal li hu kien ġie infurmat bl-inċident inkwistjoni min-naħa tal-bank.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll *affidavit* ta' **Frederick Bugeja**[23], li xehed li fl-2012 huwa kien jaħdem fil-qasam tal-manutenzjoni tas-soċjetà konvenuta u xogħlu kien jinkludi superviżjoni fuq ix-xogħol li kien qiegħed isir mill-kuntratturi mqabbdin mill-bank. Ix-xhud żied jgħid li l-aspett ta' saħħa u

[22] *A fol.* 177 tal-proċess.
[23] *A fol.* 181 tal-proċess.

sigurtà fuq is-sit kien ittieħed b'serjetà kbira mill-kumpannija. Ix-xhud żied jgħid li kien għadu kif kellem lill-attur ftit mumenti qabel seħħ l-inċident u kien semgħu jgħajjat u jitlob għall-għajnuna.

Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 xehed **Saviour Ellul**[24], impjegat mas-soċjetà Resolve Consultant Limited bħala *senior consultant surveyor,* li ġiet imqabbda mis-soċjetà RES (Malta) Ltd sabiex tikkordina l-*health and saftey management system* tal-proġett inkwistjoni. Ix-xhud qal li bħala kumpannija kienu jagħtu *induction* lill-ħaddiema li jkunu fuq is-sit, fejn jispjegaw il-prinċipji, l-iskop tal-osservanza tal-prinċipji tas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit, il-liġijiet li jikkontrollaw is-sistema ta' *management,* il-*policy,* x'għandhom jirrappurtaw jekk jiġri xi inċident, u x'inhi l-*violation procedure* f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Ix-xhud qal li hu kien ġie infurmat li l-*induction* tal-attur kienet saret minn Joseph Suarez innifsu. Ix-xhud esebixxa għadd ta' dokumenti, fosthom dokument b'rapport li jelenka l-bidliet li ġie identifikat li kien hemm bżonn isiru sabiex ikun hemm dejjem protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.[25] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-pjan li kellu jirregola s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit, sabiex jitnaqqas ir-riskju għas-saħħa tal-ħaddiema.[26] Ix-xhud qal li wara l-inċident inkwistjoni kien sar rappport lilu u lill-*project manager* dwar dak li kien seħħ. Fost id-dokumenti esebiti mix-xhud hemm kopja ta' *presentation* li tingħata lill-impjegati waqt l-*induction* li jsir u x-xhud qal li ma jafx jekk din kinitx ingħatat lill-attur jew le meta dan attenda għall-kors tiegħu, u żied jgħid li din esebiha bħala dokument ġenerali li fuqu jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema u mhux bħala kopja ta' xi dokument li ngħata lill-attur.[27]

---

[24] *A fol.* 183 tal-proċess.
[25] *A fol.* 205 tal-proċess.
[26] *A fol.* 211 tal-proċess.
[27] *A fol.* 198 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Jason Zammit**[28], li qal li minkejja li meta xehed huwa kien semma' istanza meta persuna oħra li ttellgħet tixhed f'dawn il-proċeduri, speċifikament Jesmond Muscat, huwa kien irrefera għal episodju partikolari meta dan kien instab f'post fejn mhux suppost li kien waqt il-ħin tax-xogħol, imma fir-realtà dan l-episodju ma kellu x'jaqsam xejn mal-proċeduri odjerni. Ix-xhud qal li meta seħħ l-inċident, l-attur kien fuq xogħlu, u kien liebes it-tagħmir protettiv pprovdut lilu. Ix-xhud qal li l-attur kien attenda għall-korsijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà organizzati mill-konvenuti. Ix-xhud qal però li l-attur ma waqa' fl-ebda ħofra, u l-waqgħa seħħet fil-livell tat-triq. B'riferiment għar-ritratt immarkat numru 453 (*a fol.* 206), ix-xhud qal li dan ma jindika l-ebda ħofra, u li l-unika ħaġa murija fir-ritratt hi planka maqsuma. Ix-xhud qal li dik il-fallakka kienet saret sabiex tieħu ftit mill-piż tat-trakkijiet li kellhom jgħaddu minn fuqha minħabba li l-art ta' taħtha ma kinitx livellata. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja li s-*surveys* rigward saħħa u sigurtà kienu jsiru kull ġimagħtejn, din il-fallakka miksura baqgħet ma nbidlitx sakemm kellu l-inċident l-attur.

## Konsiderazzjonijiet legali

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti jeħtiġilha tistabbilixxi fl-ewwel lok jekk hemmx responsabbilità da parti tas-soċjetajiet konvenuti għall-inċident mertu tal-kawża, u f'każ li jinstab li dawn, jew xi ħadd minnhom, għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża, il-Qorti tgħaddi imbagħad għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur.

[28] *A fol.* 286 tal-proċess.

Madanakollu qabel tagħmel analiżi tal-provi prodotti quddiemha dwar id-dinamika tal-inċident, il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjetajiet konvenuti, fejn intqal li FIMBank plc m'għandhiex titqies bħala leġittimu kontradittur minħabba li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-attur, u dan fid-dawl tal-fatt li l-kuntratt ta' impjieg tal-attur kien ma' FIM Property Investment Limited, kumpannija sussidjarja ta' FIMBank plc. Mill-provi li jinsabu esebiti in atti jirriżulta li s-sit fejn seħħ l-inċident huwa proprjetà ta' FIMBank plc. Il-Qorti tqis li s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq post tax-xogħol huma responsabbilità kemm tal-*employer*, kif ukoll tas-sid tal-proprjetà fejn ikunu qegħdin isiru x-xogħlijiet, ċjoé tal-lok fejn ikun seħħ l-inċident inkwistjoni jekk l-istat fiżiku li tkun qed tinżamm fiha l-proprjetà tkun il-kawża prossima tal-inċident mertu tal-kawża. Fil-każ odjern, il-fatt li l-attur huwa impjegat ingaġġjat direttament ma' kumpannija sussidjarja ta' FIMBank plc, bl-ebda mod m'għandu jwassal biex is-soċjetà konvenuta FIMBank plc tiġi eżonerata minn kull responsabilità u meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, għax apparti li l-attur kien impjegat ta' kumpannija sussidjarja ta' FIMBank plc, jibqa' l-fatt li s-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, kien proprjetà tas-soċjetà konvenuta FIMBank plc.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa l-provi marbuta mad-dinamika tal-inċident sabiex tistabbilixxi jekk is-soċjetajiet konvenuti għandhomx jinżammu responsabbli għall-akkadut u jekk kienx hemm miżuri li dawn setgħu ħadu biex dan l-inċident seta' jiġi evitat. Ġie stabbilit li l-inċident tal-attur seħħ wara li dan waqgħa fis-sit tal-kostruzzjoni proprjetà tal-bank konvenut. L-attur kien kien intbagħat jagħmel xogħol ta' sigurtà ma' grada temporanja f'parti tas-sit li kellha l-art mhux imwittija, u ħadd ma kien indikalu li kien hemm xi periklu

f'din il-parti tas-sit inkwistjoni. Ix-xhud Jason Zammit ikkonferma li l-fallaka fl-art tpoġġiet proprju minħabba li l-art ta' taħtha ma kinitx livellata. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attur ingħata taħriġ ġenerali dwar aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, madanakollu hu ma ngħata l-ebda taħriġ speċifiku rigward il-parti tas-sit tal-kostruzzjoni fejn spiċċa weġġa'. Jirriżulta wkoll li min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti ma sar l-ebda *risk assessment* fir-rigward ta' dik il-parti speċifika tas-sit, fejn jirriżulta mill-provi li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti, li kien hemm riskji u perikli li ma jidhirx li kien hemm f'partijiet oħrajn tal-istess sit.

Il-Qorti kkonsidrat l-obbligi legali tas-soċjetajiet konvenuti kif jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-leġiżlazzjoni sussidjarja rilevanti:

> "6 (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:
>
> Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:
>
> Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbilità ta' min iħaddem.
>
> (2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri:-
>
> (a) li jiġi evitat riskju;
> (b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;
> (ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
> (d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak kollu li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;
(f) billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;
(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;
(h) billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u
(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.

L-Avviż Legali 36 tal-2003 jagħmilha ċara wkoll li l-leġiżlatur irid joffri l-istess livell ta' protezzjoni lil ħaddiema ingaġġjati b'kuntratt ta' impjieg b'terminu fiss, bħalma hu l-każ tal-attur, li kien ingaġġjat mis-soċjetà konvenuta FIM Property Investments Limited għal perijodu ta' sitt xhur. L-artikolu 4 tal-istess Avviż Legali jistabbilixxi x'inhuma r-responsabbilitajiet ta' min iħaddem b'mod ġenerali:

"4. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.

(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-intrapriża.

> (3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ:
>
> Iżda, għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol.
>
> Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."

Minn qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi jidher ċar li anki jekk is-soċjetajiet konvenuti organizzaw sessjonijiet ta' taħriġ ġenerali b'rabta mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq is-sit inkwistjoni, meta l-attur ġie ordnat imur jaħdem ma' grada oħra li kienet meqjusa bħala 'temporanja', it-taħriġ li kien ingħata lilu kellu jiġi aġġjornat b'mod li l-perikli eżistenti fis-sit il-ġdid, jiġu mgħarrfa lilu. Jidher ukoll minn dak li xehed Jesmond Muscat, li dan l-inċident seta' jiġi evitat li kieku s-soċjetà konvenuta ħadet miżuri preventivi xierqa sabiex tinforma lill-ħaddiema bil-perikli li kien hemm f'dik il-parti speċifika tas-sit, fosthom dawk maħluqa mill-fatt li l-art ma kinitx imwittija, u l-post speċifiku viċin fejn waqa' l-attur ma jidhirx li kien livellat u kien mgħotti b'fallakka li ma ġietx imsewwija. Ċertament li f'post tax-xogħol li joħloq diversi diffikultajiet minħabba l-perikli ovvji li hemm fih, is-soċjetà konvenuta kellha turi livell ta' diliġenza akbar meta tinġibdilha l-attenzjoni li xi parti mis-sit għandu jingħata attenzjoni partikolari minħabba fil-periklu li kien qiegħed joħloq, u dan sabiex jiġi assigurat li l-ħaddiema f'kull ħin ikollhom '*a safe place of work'.* Għall-kuntrarju, jidher li kien biss wara l-inċident tal-attur li l-art fiż-żona fejn seħħ l-inċident ġiet imwittija, kif ikkonfermat fix-xhieda mogħtija minn Steve Abela. Minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta wkoll li ma sar l-ebda *risk assessment* għaż-żona

speċifika li ntbagħat jaħdem fiha l-attur, u konsegwentement huwa ma setax jingħata taħriġ speċifiku dwar kif seta' jevita l-periklu li din il-parti speċifika tas-sit kienet qed toħloq. Jirriżulta wkoll li s-soċjetajiet konvenuti naqsu fir-rigward ta' obbligu ieħor li kellhom, dak li jinfurmaw lill-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol il-fatt li kien seħħ inċident fis-sit inkwistjoni, u li l-ħaddiem li weġġa' naqas li jirritorna għax-xogħol wara tlett ijiem minn meta seħħ l-inċident, u dan sabiex l-Awtorità setgħet tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tas-soċjetajiet konvenuti għall-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur, kemm fir-rigward ta' dawk li huma danni attwali (*damnum emergens)* kif ukoll danni konsistenti fit-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans*).

*Damnum emergens:*

Il-Qorti diġà ikkonstat li mill-irċevuti b'rabta ma' żjajjar għand tobba u visti fl-Isptar Saint James, jirriżulta ppruvat li l-attur nefaq total ta' erba' mija u ħamsa u sebgħin Euro (€475), u dan huwa l-ammont ta' danni materjali li qiegħda tillikwida. Is-soċjetajiet konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jippretendu li l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-ispiża li għamel l-attur b'rabta mar-rapport mediku mħejji mill-konsulent mediku *ex parte* Mr Thomas Azzopardi, iżda l-Qorti tqis li kieku ma kienx għal dan l-inċident li għalih qed jinżammu responsabbli s-soċjetajiet konvenuti, l-attur ma kienx ikollu għalfejn jitlob lill-konsulent ortopediku jagħmel rapport dwar l-istat ta' saħħtu, u

għalhekk din l-ispiża għandha tifforma parti mill-komputazzjoni tad-danni materjali sofferti mill-attur.

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[29], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[30], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-attur kien impjegat fuq bażi ta' kuntratt definit ta' sitt xhur, u li hu kellu l-età ta' tnejn u tletin (32) sena meta seħħ l-inċident. Jirriżulta mill-kopja tal-FS3 esebita[31] li l-attur kellu dħul gross ta' €7,754.12

[29] P.A., 18.02.2013.
[30] P.A., 27.04.2005.
[31] *A fol.* 33 tal-proċess.

għall-perijodu ta' sitt xhur li fihom kien impjegat mas-soċjetà FIM Property Investments Limited, u li dan ifisser li fuq perijodu ta' ġimgħa l-ħlas tiegħu kien ta' €298.23. Ifisser ukoll li kieku l-attur ġie impjegat għal perijodu ta' sena, il-ħlas tiegħu kien mistenni li jkun ta' €15,508.24 gross) u €14,431.32 netti.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Mr Carmel Sciberras ikkonkluda li l-attur sofra minn debilità permanenti ta' 4%, u l-Qorti tqis li għandha tagħmel tagħha din il-konklużjoni, speċjalment in vista tal-fatt li l-eżami mediku tal-espert maħtur mill-Qorti kien l-aktar wieħed riċenti li sar.

F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[32], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et'**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni.

[32] P.A., 25.02.2016.

> Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[33] mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ġie stabbilit li hu:

> "In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-*chances and changes of life*.
> ...
> Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fis-snin riċenti, il-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u hemm qbil li għal persuni fl-età ta' tnejn u tletin sena, l-età tal-attur meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* għandu jkun ta' 25. Is-salarju li ġie stabbilit li l-attur seta' jdaħħal għal perijodu ta' sena fl-2012, is-sena li fiha seħħ l-inċident, għandu jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni[34] għas-snin kollha tal-*multiplier,* sabiex b'hekk il-Qorti ser tkun qiegħda taħdem fuq dħul medju ta' €14,431.32 + €17,894.84 / 2 = **€16,163.08.**

---

[33] 05.03.1986.

[34] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja talinflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

L-evolviment ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti fir-rigward tal-komputazzjoni li trid issir, li jitnaqqas 20% tal-*lump sum payment* stabbilit mill-Qorti minħabba d-dewmien tal-proċeduri. Fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Agius et *vs.* All Services Ltd**[35], ġie ritenut mill-Qorti illi:

> "F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (*lump sum payment*) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża."

Għalhekk id-danni li qegħdin jiġu likwidati bħala *lucrum cessans* huma kif ġej: €16,163.08 x 25 *(multiplier)* = €404,076.96 x 4% diżabilità permanenti = €16,163.08 - 16% (ħlas f'darba) = €13,577, li magħdud mad-danni attwali sofferti mill-attur jammonta għal **<u>€14,052</u>**.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti huma responsabbli *in solidum* għall-inċident li seħħ fuq il-post tax-xogħol nhar l-20 ta' April, 2012, f'liema inċident korra l-attur;**

[35] P.A., 02.06.2005.

3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident imsemmi fis-somma ta' erbatax-il elf u tnejn u ħamsin Euro (€14,052);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetajiet konvenuti.**

Moqrija.